MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1697/2005

**JAJ Co. Ltd. C 22257**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta’ Awissu 2005, fejn intalab li l-Korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u erbghin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm640.55), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-Korporazzjoni konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament

u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-Korporazzjoni konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-28 ta’ Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u erbghin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm640.55), bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------